# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru tmienja u sittin (68) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 1 ta' Marzu 2011, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-6:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farruiga | Viċi Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻAT: | Nicholas Briffa<br>(infurmana li ma jiflaħx) | Kunsillier |

1. Is-Sindku, **Noel Galea ippresjeda** l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-**minuti tas-seduta preċedenti** li kienu ċirkulati qabel din il-laqgħa permezz ta' *e-mail* lill-kunsillieri, kienu meħuda bħala moqrija u saru l-korrezzjonijiet li jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali.

**Punti mill-Minuti:**

3. Il-kunsillieri kellhom kliem sabiħ għall-mod illi bih is-**Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju** ippreżentawlhom il-***logo*** f'għeluq il-100 sena mit-twaqqif ta' din is-soċjetà, matul il-bidu tas-seduta preċedenti.

4. Is-sindku semma l-impenn minn naħa tal-**Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ** li nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Frar 2011 kellhom il-laqgħa tagħhom f'dan l-uffiċċju, waqt li hu kien preżenti. Hu qal li rridu noħorġu aħna f'isimhom, *Call for Quotation* **biex ikun imwettaq il-proġett tagħhom**, jiġifieri li jkunu installati mejn tal-elettriku (preferibbilment *3-phase*), tliet *cctv cameras* fil-Pjazza tal-Knisja bil-possibilità li jitqabbdu mad-*DVR* tal-uffiċċju, jekk dan mhux possibbli hu ppjanat illi jitpoġġa ieħor fil-*cabinet* li se jitwaħħal fejn il-*bus shelter* biswit il-Kappella ta' Santa Katerina, liema *cameras* qed jiġu suġġeriti li jitwaħħlu fil-pjazza. Dawn iż-żgħażagħ għandhom f'moħħom illi jippublikaw kalendarju żgħir b'ritratti fuq l-Imqabba, jinstallaw *Outside TV* fil-pjazza kif ukoll jikkrejaw dokumentarju li jkun ikkupjat fuq 100 kopja ta' *DVDs* u jqassmuh lill-kapijiet tal-istat, gvern, oppożizzjoni u knisja. Dwar l-għajnuna li talab is-sindku mis-segretarju eżekuttiv, kien hemm *consensus* illi naraw aktar fid-dettal dak kollu miktub (*literature*) dwar dan il-kumitat taż-żgħazagħ. Dan għaliex peress li m'hemm l-ebda kunsillier direttament appuntat f'dan il-kumitat ma jistax jitqies li hu appuntat bħala kumitat tal-KLM. Għaldaqstant ir-regoli stipulati bil-liġi tal-kunsilli lokali dwar il-kumitati ma jreġux f'dawn iċ-ċirkustanzi. Intant Charles Farrugia ta *link* fejn hemm l-i*specifications* f'każ li l-KLM jkun jidhirlu li għandu joħroġ il-*call for quotations* tas-*CCTV cameras*. Il-KLM kien infurmat illi l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ se jorganizzaw *disco* nhar it-18 ta' Marzu 2011, lejlet il-Festa ta' San Ġużepp, fil-Każin tal-Futbol.

5. Is-sindku qal illi l-**Kuntrattur *Asfaltar Ltd*** għolla t-tappieri tad-drenaġġ fi Triq Dun Ġiacomo Tortella (fejn dawn laqas kienu jeżistu u kellhom jiġu identifikati għall-ewwel darba mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma) fis-*Service Road* Pjazza Ġublew tad-Djamanti kif ukoll Triq Annetto Caruana. Fil-frattemp tlesta x-xogħol ta' tqegħid ta' kurduna u bankini fi Triq Annetto Caruana, u twaqqiegħ ta' ħajt fis-*Service Road* Pjazza Ġublew tad-Djamanti.

6. Dwar ix-xogħol ta' trinka għal ***cable* tal-elettriku** li kien skedat li jibda għada fil-Pjazza tal-Knisja, is-sindku qal li dan sfortunatament ma jistax isir għaliex hemm azzjoni industrijali fil-Korporazzjoni Enemalta. Dwar dan ix-xogħol intqal illi kien hemm żvilupp għaliex jirriżulta illi m'hemmx għalfejn issir it-trinka li minn fejn il-Każin tal-Partit Laburista twassal għall-Uffiċċju Parrokkjali. Madankollu se jsir il-*crossing* mill-Każin tal-Partit Nazzjonalista għall-fejn il-ħanut bl-isem *Pineapple* u oħra bejn l-Uffiċċju Parrokkjali u l-Każin Madonna tal-Ġilju.

7. Il-*MEPA* talbitna il-***layout plans*** tax-xogħlijiet proposti li jsiru mill-KLM iffinanzjati mill-Fond għat-Titjib Urban fi **Triq il-Fjuri**. Dawn ukoll se jkunu ġentilment ipprovduti lilna mill-Viċi Sindku Charles Farrugia.

8. Se ssir *reminder* għall-ittra li l-KLM bagħat lil Dr Chris Said, Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar it-**talba għal aktar fondi** biex ikunu investiti fit-toroq il-ġodda bħala parti mill-proġett pilota. Is-sindku qal li jittama li jkollna risposta sa laqgħa oħra.

9. Biex nissiġillaw l-injam li se jitpoġġa fuq it-**tinda li saret fil-Ġnien tal-Ġibjun**, se nieħdu stima mingħand *Mr Lee* biex jinxtara *sealer* apposta trasparenti li se jkun applikat fuq l-injam minkejja li dan is-soltu jiġi applikat fuq il-ġebla. Is-sindku qal illi għandna bżonn kemm inkopru 15-il metru.

10. Għall-proposta tal-KLM illi **titnaddaf art mogħxa** fl-inħawi tax-xatba tal-emerġenza tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, kif ukoll li jitwaqqa' ħajt tal-kantun li jissepara t-triq mit-territorju tar-*runway*, is-sindku ikkomunika mal-Inġinier Martin Dalmas (*MIA*) u dan infurmah illi l-*BOQ* li ppreżentalu l-KLM kienet għolja wisq u għaldaqstant se jipprovdu oħra huma.

11. Il-kunsillieri li attendew għall-attività li żamm il-KLM nhar il-Ħadd, 27 ta' Frar, 2011 fil-Pjazza tal-Knisja biex iqajjem aktar kuxjenza dwar il-ħtieġa għal parteċipazzjoni akbar mir-residenti f'dak li hu **sseparar tal-iskart**, kellhom kliem ta' tifħir bħalma kellhom ukoll kliem ta' tifħir ir-rappreżentanti tal-kumpanija u fornitur tal-KLM, *Greenpak Co Ltd*. F'din l-evalwazzjoni intqal li din l-attività kienet tajba għaliex kien hemm entużjażmu mhux biss mill-adulti iżda wkoll mit-tfal li penġew bil-ġibs il-*Logo DOT* u kitbu messaġġi favur il-benefiċċju tal-ambjent biex iħeġġu il-mentalità tar-riċiklaġġ fost il-familji. Kien hemm it-tqassim ta' għaxar basktijiet bi prodotti lil uħud mir-residenti li kienu pri-notifikati biex jiġu għalihom mill-kumpanija *Greenpak Co Ltd*, mill-Pjazza tal-Knisja f'din l-attività. Is-sindku ta l-parir lill-kunsillieri illi fil-ħarġa tal-fuljett li jmiss irridu nagħmlu enfasi fuq aktar involviment mir-residenti tagħna f'dak li hu isseparar ta' skart. L-artikli se jkunu provduti lilna sat-22 ta' Marzu 2011 ħalli dawn ikunu mwassla fil-ħin lil *Veritas Press* li se jaħdem magħna għall-ewwel darba wara li rebaħ il-kwotazzjoni.

12. Dwar il-ħtieġa illi jkun hawn għarfien akbar fuq il-***Bye Law*** **tal-kontenituri tal-ħġieġ** tal-KLM fost il-propjetarji tal-ħwienet, il-viċi sindku offra l-għajnuna tiegħu biex nipproduċu l-avviżi aħna stess sabiex dawn kemm idendluhom fl-istabbiliment tagħhom u niffrankawlhom l-ispejjeż.

13. Insterqet il-**mera** bl-arblu b'kollox li kienet imwaħħla **fi Triq Ħal Kirkop** minn xi ħadd li s'issa mhux magħruf għad-diżappunt ta' sid l-għalqa li ħallas għaliha. Intant, Charles Farrugia fakkar lill-KLM fil-proposta li kien għamel biex teħel waħda simili fl-istess triq quddiem il-fergħa li tieħdok għal Ħal Millieri.

14. Paul Spiteri irrapporta li fanal fuq is-sieq (***stand alone street lighting lantern***) tad-dawl ta' Triq Karmenu Ciantar dar xi ftit bis-saħħa qawwija tar-riħ li kellna dan l-aħħar.

15. Is-sindku, bi qbil mal-kunsillieri, se jkellem lis-Surmast Joseph Tonna ħalli naraw jekk jaċċettax li jkun nominat għall-premju Anzjan Attiv li qed ikun imniedi minn *Care Malta Ltd* għan-***Nazzareno Vassallo Award.***

16. Is-segretarju eżekuttiv iltaqa' ma' Ms Anne Marie Hoogvliet Weijers, **l-artista li se tesebixxi** numru ta' kwadri tal-pittura fil-ġranet tal-Għid **ġewwa l-Isptar il-Qadim** u ġew identifikati l-ispazji u n-numru ta' kwadri li jesgħu kemm is-sala l-kbira kif ukoll ir-*reception*, eskluż il-*birthing chamber* li bħalissa qed tintuża bħala *computer laboratory* għall-korsijiet. Dan sar bi preparazzjoni għall-istess wirja.

17. Kien identifikat sit ieħor mis-sindku biex il-ħaddiema tal-*PARKS* iħawwlu **siġar fil-lokalità tagħna**. Minbarra dawk imsemmija fl-aħħar ġranet, kien identifikat ir-roqgħa ħamrija viċin il-ġibjun il-miftuħ, fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Madankollu hemm il-possibilità li jinqala' kaktus u siġra tal-*ficus* minn fejn il-bandli f'Misraħ il-Fidwa u dawn ikunu mibdula ma' siġar endemiċi Maltin.

Intant, is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju talbet b'mod informali illi tħawwel aktar siġar fil-lokalità tagħna.

18. Issa li għandna f'idejna l-*vouchers* li kienu mgħoddija mill-gvern ċentrali, is-segretarju eżekuttiv se jieħu ħsieb imur jordna l-**kotba ta' pubblikaturi Maltin** mingħand *Merlin Library*, għal-librerija tal-Imqabba. Dan biex inwasslu il-pagament lill-*Merlin Library* u l-kopja tal-irċevuta fil-ħin lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

19. Dwar il-problema li ilha magħna snin sħaħ bil-**parkeġġ fi Triq M'Ang Sapiano**, issa se nippruvaw niltaqgħu mhux biss mal-*Ombudsman* fuq is-sit iżda wkoll mal-uffiċjali ta' *Transport Malta* u rappreżentanza tal-KLM. Wieħed jittama li jintlaħaq kompromess.

20. Kienu approvati l-***financial statements 2011*** kif kienu prodotti mill-*Accountant* Richard Falzon u dawn diġà kienu mgħoddija lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur u kopja oħra se tmur ukoll *by-hand* għand l-Awdituri *Grant Thornton*.

21. F'punti oħra is-sindku u s-segretarju eżekuttiv qalu illi dalgħodu sibna maħruqin, aktarx b'sajjetta dal-lejl, il-***power supply*** tal-*computer* ta' Valerie Galea u l-***hub*** tan-*network* li iżola l-uffiċċju għall-kumplament tal-jum.

22. Dwar il-**laqgħa** li kellhom nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Frar 2011, is-sindku u s-segretarju eżekuttiv mad-**Direttur Gvern Lokali** l-ġdid, is-Sur Carmelo Abela, intqal li din kienet waħda kordjali ħafna. Is-sindku qal li se ngħaddulu l-proposta bil-miktub illi l-laqgħa pubblika li jmiss xtaqna norganizzawha taħt tinda fil-Pjazza tal-Knisja biex nilħqu aktar nies filwaqt li s-segretarju eżekuttiv ikkummenta dwar il-ħsieb tad-direttur illi l-*memos* u l-mistoqsijiet parlamentari jkunu aktar aċċessibbli u wieħed ikun jista' jirreferi għalihom aħjar b'sistema elettronika speċjalizzata bejn il-gvern lokali u dak ċentrali, aktarx b'sistema ta' *intranet*. Is-sindku dawwar lid-direttur mal-uffiċini tal-kunsill u wrielu l-faċilitajiet kollha eżistenti inkluż l-uffiċċju tal-*customer care* fis-sular t'isfel.

23. Is-sindku f'punti oħra semma t-talba li saret għal żewġ **lampi tat-toroq** oħra fi Triq Ġeorge Martin fejn dan l-aħħar saru atti vandali fuq propjetà privata. Lampa oħra li applikajna għaliha kienet dik fil-Pjazza tal-Knisja fir-rokna mal-Uffiċċju Parrokkjali viċin is-siġra taż-żebbuġ fejn regolarment dan il-post qiegħed jintuża bħala latrina minn nies bla kuxjenza u raġuni.

24. F'punti oħra s-sindku semma ż-żieda **ta' *socket outlets* li saru fl-uffiċċju tiegħu** mill-ħaddiema tal-*IPSL*.

25. Paul Spiteri f'punti oħra semma il-**ħofra li tfaċċat fit-*tarmac* fi Triq Valletta** (arterja) kważi fil-kantuniera ma' Triq Valletta l-Qadima.

26. F'punti oħra intqal li l-**Lonzu Mifsud** għandu bżonn l-irċevuti illi kien ta lill-Kunsill Lokali Mqabba fejn kien għamel talba għal refużjoni ta' spejjeż li kien wettaq fuq sadd ta' drenaġġ fil-Pjazza tal-Knisja. Dawn se jkunu imfitxija mill-ħaddiema tal-KLM.

27. Il-laqgħa **ntemmet fit-8:15pm** u l-KLM se jiltaqa' nhar il-**15 ta' Marzu, 2011**.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>____ */03 /2011 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |